# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 327/2014**

Il-Pulizija

vs

**Felix Farrugia**

iben Laurence, imwieled Pieta', fit-23 ta' Awwissu, 1947, detentur tal-karta tal-identita' numru 774047(M)

Illum 3 ta' Lulju, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Felix Farrugia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Ġunju, 2014 għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) ġewwa Triq Robert Sammut, Rabat Malta:

1. Volontarjament kiser l-ordni u l-paci pubblika b'għajjat, storbju jew ġlied;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi insulenta, inġurja u hedded bi kliem lil Giuseppe Attard.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tagħti l-piena stabbilita tapplika Art 383 u 412C tal-Kap 9 għal ħarsien ta' Giuseppe Attard.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u cioe' l-Artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma sabitx lill-imputat FELIX FARRUGIA ħati tal-ewwel (1) akkuża u lliberatu minnha filwaqt illi sabitu ħati tat-tieni (2) akkuża u kkundannatu ammenda ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€ 25).

Rat ir-rikors tal-appellanti Felix Farrugia minnu ppreżentat fit-18 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fis-17 ta' Lulju, 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuża, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni akkuża u fejn ikkundannatu ammenda ta' ħamsa u għoxrin Ewro (€25) u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, ma setgħatx tinstab ħtija fuq it-tieni akkuża in vista tax-xhieda mogħtija quddiem l-istess Qorti. Kellu jirriżulta kjarament illi l-verżjoni tal-kwerelant ma kienet xejn kredibbli u ma kinitx biżżejjed biex tikkonvinċi lill-ewwel Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi effettivament saret xi theddida. Fil-fatt l-ewwel Qorti ma emmnitx lill-kwerelant għal dak li jikkonċerna l-ewwel akkuża għaliex filwaqt illi l-kwerelant xehed illi l-appellant fil-ġurnata in kwistjoni beda għajjat l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant minn din l-akkuża. Dan il-fatt ukoll kellu jittieħed in konsiderazzjoni anke ai fini ta' kredibilita' tal-kwerelant vis-a-vis it-tieni akkuża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża sommarja u peress li ma ġewx rekordjati u traskritti x-xhieda din il-Qorti kellha terġa tisma' l-provi mill-ġdid.

Fix-xhieda tiegħu s-Sur Giuseppe Attard jgħid li waqt li kien ħiereġ bil-karozza mill-garaxx tiegħu l-appellant qallu li ma jibżax mill-Pulizija għalkemm għamillu rapport u li ħa jaqtaw u jeħles minnu wkoll.

Illi l-kwistjoni bejn is-Sur Giuseppe Attard u l-appellant tirrigwarda l-qtugħ tal-ħaxix li jinsab bħala fence mad-dar. L-appellant beda jaqta' l- ħaxix bl-imqass taż-żabra u waddbu fil-ġnien tas-sur Attard meta dan tal-aħħar kien qed jarah wieqaf fit-triq. Għalkemm is-sinjura tal-appellant infurmatu li s-sur Attard kien qed jarah dan kompla jħares lejh, jaqta' u jwaddbu fil-ġnien. Is-sur Attard mar l-għassa jagħmel rapport u waqt li kien ħiereġ bil-karozza s-Sur Attard jgħid li l-appellant heddu u qallu 'anke lilek neħles minnek'. Is-sur Attard iżid jgħid fix-xhieda tiegħu li huwa ċert mill-kliem li kien qallu l-appellant għax niżżel il-kliem li qallu bil-miktub.

Meta l-appellant xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti qal li s-sur Attard għandu fence li twaqqa' l-weraq speċjalment il-blanżuni u jimblukkaw il-gulley u għalkemm qallu dwarhom dan injorah. Inoltre' huwa kemm il-darba għamel rapporti l-pulizija u lil tal-Kunsill biex jaqta' l-ħaxix tad-dawra tal-bankina. Huwa jkompli jżid li dakinhar il-kliem ma kienx kif qal is-sur Attard imma li qallu biex jaqta' l-ħaxix għax qed jsoddlu l-gulley u li jekk mhux x' ser jaqtgħu ser jkollu jaqtgħu hu. Illi skont l-appellant is-sur Attard irrispondih 'Aħjara għalik ma messekx bnejt fil-fondoq'.

Illi kieku l-appellant irrisponda lis-sur Attard b'dik il-manjiera dan tal-aħħar ma kienx ikollu għalfejn imur jirraporta l-għassa tal-Pulizija fi żmien erbgħajn minuta mindu kellmu. Is-sur Attard ħassu m'hedded bil-kliem li qallu l-appellant u saħansitra kitibhom.

Illi għalhekk, l-ewwel Qorti setgħet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba dik is-sentenza.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijjiet din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' Felix Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.